

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2016 – Kaane American International Tobacco vs EUIPO – Global Tobacco (GOLD MONT ORIĠINAL Super Slims)**

(Kawża T-292/16)

(2016/C 279/51)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Kaane American International Tobacco Co. Ltd. (Jebel Ali, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: G. Hinarejos Mulliez, I. Valdelomar Serrano, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Global Tobacco FZCO (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "GOLD MONT ORIĠINAL Super Slims" – Trade mark tal-Unjoni Nru 11 361 714

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2016 fil-Każ R 2492/2014-4

**Talbiet**

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara s-sospensjoni tar-rikors R 2492/2014-4 sakemm tittieħed deċiżjoni fil-proċedimenti paralleli R 1857/2015-4 (li għadha pendent quddiem il-Qorti Ġeneral) li ssir finali;

- tikkundanna lill-EUIPO (il-Bord tal-Appell) jew, sussidjarjament, il-parti l-oħra fil-proċedimenti għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza quddiem il-liġi u ta' imparzjalità.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2016 – Kaane American International Tobacco vs EUIPO – Global Tobacco (GOLD MONT)**

**(Kawża T-293/16)**

(2016/C 279/52)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Kaane American International Tobacco Co. Ltd. (Jebel Ali, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: G. Hinarejos Mulliez, I. Valdelomar, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Global Tobacco FZCO (Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark kontenjużha:** il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

**Trade mark kontenjużha kkonċernata:** trade mark figurattiva tal-Unjoni li tinkludi l-element verbali “GOLD MONT” – Trade mark tal-Unjoni Nru 11 803 831

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti ta' oppożizzjoni

**Deċiżjoni kkontestata:** deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2016 fil-Każ R 2699/2014-4

#### **Talbiet**

- tilqa' dan l-appell;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tissospendi l-proċedimenti fil-Każ R 2699/2014-4 sakemm is-sentenza fil-proċedimenti paralleli fil-Każ R 1857/2015-4 (li attwalment hija pendent quddiem il-Qorti Ġeneral) issir definitiva;
- tikkundanna lill-EUIPO (il-Bordijiet tal-Appell) jew, sussidjarjament, il-parti l-oħra fil-proċedimenti għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u ta' imparzjalità.